VALLETTA
Città Umilissima

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Valletta

## 9 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 5

l-Erbgha 23 ta' Ottubru 2025

Il-Kunsilli Lokali Valletta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 33-36, Triq it-Teżorerija (Misraħ ir-Repubblika), Valletta, fis-17.00hrs.

PREŻENTI:

Olaf McKay – Sindku
Ylenia Montfort – Minority Leader
Raymond Azzopardi – Kunsillier
Roberta Bonello -Kunsilliera
Daniel Diacono – Kunsillier
Vincent Fabri – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI:
Alfred Zammit

ASSENTI
NIL

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Gabriella Agius– Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Olaf McKay ippresjeda l-laqgħa.

## 5.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

5.1.1 Alfred Zammit

## 5.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

5.2.1 Il-minuti tas-Seduta Nru 4 kienu ikkonfermati, intalbet kjarifika u ser ikunu mnizzla fil-minuti nru 5.

## 5.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

5.3.1 Is-Sindku Olaf Mckay ppropona korrezzjoni ghal minuta 4.3.1
Nipproponi korrezzjoni għall-minuti u ser nagħti spjegazzjoni għaliex din il-korrezzjoni. Dwar il-proġett tar-restawr tal-faċċata tal-knisja ta' San Pawl. Kif nafu, kellna diskussjoni fi stadju ta' kumitat dwar dan is-suġġett, matul din id-diskjussjoni fhimt l-opinjoni ta' kull membru li kien hemm preżenti.
Għaldaqstant il-minuti għandhom ikunu korretti kif ġej:
Jitħassar it-test li ġej:
Ghalhekk is-Sindku ppropona illi minhabba c-cirkostanzi li sehhew fil-laqgha preċedenti kif imsemmi sew fil-Minuti kif ukoll trattati waqt l-ghoti tal-parir legali, il-Kunsill hu kostrett illi jikkanċella t-tender.
Il-Kunsillier Raymond Azzopardi issekonda u flimkien mal-Kunsillier Daniel Diacono kkonfermaw li jaqblu mas-Sindku filwaqt li il-minority leader Ylenia Montfort infurmat li ma taqbilx u qed tivvota kontra. Il-Kunsillier Vincent Fabri astjena.
L-ammont ta' Kunsillier prezenti kienu hamsa u ghaldaqstant ir-rizultat gie 3 favur fuq il-proposta tas-Sindku, 1 kontra u astenzjoni.

Minfloku jiddaħħal:
"Il-Kunsill ħa nota tad-deċiżjoni meħuda waqt il-laqgħa mal-avukat tal-kunsill li matulha, dwar il-kwistjoni tal-irtirar tat-tender tar-restawr tal-faċċata tal-knisja ta' San Pawl, is-Sindku, l-Kunsillier Azzopardi u Diacono qablu li t-tender kellu jkun irtirat, il-Minority Leader ma qablitx u l-Kunsillier Fabri ma tax opinjoni.
Is-Segretarju Ezekuttiv intalbet tezegwixxi din id-decizjoni
Kumment finali dwar dan is-suggett. Is-Sindku tenna l-impenn tieghu bhala Sindku ghat-twettieq ta' dan il-progett u jinsab cert li ser ikompli jsib l-appogg tal-Kunsill tal-Belt. Ried ikun car li l-iritirar tat-tender sar war a opinjoni professjonali bl-intenzjoni li jkun evitat kull riskju ghal-Kunsill hekk kif issuggerit mil-Avukat.

Din id-decizzjoni giet: Proponuta mis-Sindku Olaf McKay u Sekondata min Raymond Azzopardi.
B'vot ta 3 favur u 3 kontra u casting vote ta' Sindku. Allura l-emanda ghaddiet.

5.3.2 Is-Sindku Olaf Mckay informa li kellu laqgha kordjali ma' l-Arcipriet ta' San Pawl fil-parlament flimkien ma' l-Onor. Owen Bonnici u l-Onor. Alison Zerafa Civelli.

5.3.3 Is-Sindku Olaf Mckay informa dwar il-homework help li huwa program li gie mniedi ma' l-FSWS flimkien ma' Optimist. Bi pjacir habbar li l-applikazzjonijiet qed jizdiedu.

5.3.4 Is-Sindku Olaf Mckay informa li day centre nltaqgha tajjeb.

## 5.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tall-Kunsillieri

5.4.1 Il-Minority Leader Ylenia Monfort prezentat sensiela ta' mistoqsijiet

1. rapport tal-ghajnuna lill-ghaqdiet Beltin mill-VLC

Is-Segretarju Ezekttutiv infurmat min kienu l-ghaqdiet u x'tip ta' ghajnuna qed tinghatha.

2. Tfakkira ghall-green parkings report

Is-Segretarju Ezekuttiv informa li wara konsultazzjoni ma' data protection officer ma tistghax taghti din l-informazzjoni

3. Min qed jiehu hsieb il-page ufficjali fuq Facebook? U min u fuq liem kriterja qed jiddecidi x'jigi mtella'?

Is-Segretarju Ezekuttiv informa li is-Sindku, is-Seg. Ez. u impjegat MC.

## 5.5 Rapporti

5.5.1 Is-Segretarju Ezekuttiv nfurmat li issottomettiet applikazzjoni ghal-Skema SPI.SCI.7.2024 Servizz ta' Manutenzjoni Minuri f'Binjiet Pubbliċi. il-Kunsill qabel dwar dan.

5.5.2 Is-Segretarju Ezekuttiv nfurmat li ser tkun qed tohrog sejha ghal
Full time housekeeper and incharge of office upkeep and maintenance
Full time office assistant
Part time office assistant

5.5.3 Is-Segretarju Ezekuttiv nfurmat li rceviet l-final report ta' Kings Own ghal-claim mir-Regjun ghal 2024
Ghal din il-claim kellha konferma kif ukoll irceviet il-flus mir-regjun biex jaddu ghand il-King's Own.

5.5.4 Is-Segretarju Ezekuttiv nfurmat li rceviet l-final report ta' La Vallette ghal-claim mir-Regjun ghal 2023
Hija nfurmat li din qatt ma giet minuted fil-laqgha tal-kunsill precedenti. Infurmat li ghaddietha lir-regjun ghal- refund.

## 5.6 *Items* oħra ta'Xogħol ieħor tall-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

5.6.1 Il-Kunsillier Raymond Azzopardi nforma li hemm 97 anzjan ibbukjat ghal-harga tal-President. Tkellem dwar kif jistghu jigu nfurmati izjed anzjani hargiet. Huwa issuggerixxa li ghandna naghmlu reklam ma' l-istazzjonijiet ta' radju barra li nibghatu lill-parrocci kif kien isir f'legislaturi precedenti.

5.6.2 Il-Kunsilliera Roberta Bonello nfurmat li l-kunsill kollu ghandu jircievi l-kazijiet tal-qorti li jircievi l-kunsill.

5.6.3 Il-Kunsilliera Raymond Azzopardi tkellem dwar post li telgha' fuq il-mezzi socjali dwar ambulanza li kellha diffikulta' biex tghaddi. Huwa nforma li ghandu l-filmat kif veru gara l-kas hu l-post ma kienx veritier. Il-Minority Leader Ylenia Montfort infurmat li l-icken pulzier ta' mejda zejda tista tikkawza mewt u mhux ser tittollera' dan l-ghagir mil-kommunita' kummercjali. Il-Kunsilliera Roberta Bonello tkellmet dwar il-bilanc li ilu jigi diskuss li sa issa ma hi qed tara li ma sar xejn. Hija tkellmet dwar ammont kbir ta' street furniture li mhux postha fi centru tal-belt.

5.6.4 Il-Kunsilliera Dr Robert Bonello tkellmet dwar kif ghandu jsir organizzar ta' toroq tac-centru fejn is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li kienet diga bdiet diskussjonijiet ma' Transport Malta u ser tkun qed terggha tiftah id-diskussjoni biex isir l-organizzazzjoni tad-direzzjonijiet. Seg. Ez. assigurat li ser tahdem fuqha biex issir kemm jista jkun malajr.

5.6.5 Il-Kunsilliera Dr Robert Bonello talbet ghal-laqgha mal-membri ta' infurzar biex tkun tista tiddiskuti xi pjan ghandhom. Hija giet infurmata li bhala kunsill m'ghandna l-ebda gurizdissjoni fuq is-sound.

5.6.6 Il-Kunsillier Vincent Fabri nforma li huwa kien min ta' l-ewwel li kien iheggeg lill-hwienet jifthu ghaliex kien hemm zmien meta l-belt kienet totalment mejta fil-ghaxija.

5.6.7 Il-Kunsillier Daniel Diacono tkellem dwar kif meta kien hemm il-monti go triq il-Merkanti kien accettat li ma kienx hemm access mit-Tnejn sas-Sibt mil-4am sa 2pm.

5.6.8 Il-Minority Leader Ylenia Montfort infurmat dwar Rights Project. Laqgha li kellha ma' Sindku u ma' l-ghaqda rigward Kunsill ta' Tfal. Hija nfurmat li ser ikun hemm 8 it-tfal u mentor. Hija nfurmat li nhar 10 ta' dicembru ser issir laqgha bejn l-4pm u 6pm. Fakkret ukoll li nhar il-26 ta' Novembru ser ikunu prezenti waqt l-assembly ta' l-iskola primarja ghal-introduzzjoni.

5.6.9 Il-Minority Leader Ylenia Montfort infurmat li tkellmet ma' Noel Borg ta' Mannarinu biex issir klassi ta' tisjir ghat-tfal ta' 2hr.

5.6.10 Il-Minority Leader Ylenia Montfort prezentat mozzjoni li inqrat fejn il-Kunsillieri Roberta Bonello Felice u Vincent Fabri qed izommu responsabli lis-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv ghal- valur ta' tender tal-faccata ta' San Pawl. Il-Kunsillier Raymond Azzopardi nforma li l-mozzjoni giet prezentata b'mod hazin fejn m'hemmx proponent u lanqas sekondant.

Il-Minority Leader xorta prezentat il-mozzjoni u ttiehed vot fejn hija proponiet u Roberta Bonello ssekondat il-mozzjoni. Il-Voti gew 3 favur Ylenia Montfort, Roberta Bonello u Vince Fabri u 3 kontra Olaf Mckay, Raymond Azzopardi u Daniel Diancono, b'casting vote Sindku . il-Mozzjoni ma' ghaddietx.

## 5.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat/iAmministrattiv/i

NIL

## 5.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati

NIL

## 5.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

5.9.1 Settembru 2024

Il-Kunsill aġġorna għal-Hamis 7 ta' Novembru 2024 17.00hrs

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Olaf McKay<br>Sindku | Gabriella Agius<br>Segretarju Eżekuttiv |